MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2011

Numru 32/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Carmel Vella**

**Il-Qorti**:

Rat ir-rikors ta' Carmel Vella tal-20 ta' Lulju 2011 li bih talab li din il-Qorti

1) Fit-terminu tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta tirreferi l-kwistjoni mqanqla permezz tal-prezenti rikors, fis-sens illi fil-kawza tieghu fl-ismijiet hawn fuq premessi gie lez id-dritt tieghu ghall-smiegh xeraq u dan ghar-ragunijiet suesposti u cioe' illi huwa ma inghatax il-fakulta' ta' assistenza legali fl-istadju tal-interogazzjoni tieghu meta huwa kien indizzjat lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex tippronunzja ruhha dwar l-istess kwistjoni;

2) Pendenti t-trattazzjoni tal-kwistjoni hawn fuq solleveta kif ukoll tat-trattazzjoni tal-appell tieghu mis-sentenza u l-verdett tal-Qorti Kriminali suriferita takkordalu l-helsien mill-arrest taht dawk il-kundizzjonijiet kolha opportuni fic-cirkostanzai;

3) Taghti kull provvediment iehor opportuni u necessarju fic-cirkostanzi.

U dan taht il-provveidment kollha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tat-22 ta' Lulju 2011.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Ottubru 2011 li bih cahdet it-talba tar-rikorrent sabiex jigi akkordat lilu l-helsien mill-arrest taht il-kondizzjonijiet opportuni;

Dan il-provvediment huwa limitat ghat-talba tar-rikorrent sabiex il-kwistjoni kostituzzjonali sollevata minnu bir-rikors imsemmi tigi riferita lill-Prim Awla tal-Qorti Civili ghat-tenur tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.

Fir-rikors tieghu ir-rikorrent issottometta li b'verdett ta' gurija tad-9 ta' Frar 2000 huwa gie misjub hati tad-delitt ta' assocjazzjoni ma xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jikkommetti omicidju volontarju f'Malta u gie kundannat ghall-perjodu ta' prigunerija ta' sitt snin u peress illi d-delitt imsemmi gie kommess fil-periodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali b'sentenza tat-28 ta' Frar 2002 huwa gie mibghut quddiem il-Qorti tal-Magistrati Malta (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex titratta mighu dwar ir-

reat li tieghu kien gie misjub hati bis-sentenza msemmija tat-28 ta' Frar 2002.

Ir-rikorrent appella mill-verdett u mis-sentenza msemmija tal-Qorti Kriminali. Huwa jsostni li l-kaz kontra tieghu kien mibni fuq prova wahda biss u cioe' l-istqarrija jew stqarrijiet tieghu moghtija lill-Pulizija u lill-Magistrat Inkwirenti fl-istadju meta kien qieghed jigi investigat bhala suspettat liema stqarrijiet saru minghajr ma huwa kien inghata l-fakulta' ta' assistenza legali.

Ir-rikorrent zied li fuq l-iskorta ta' gurisprudenza estera u lokali n-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni fl-istadju ta' investigazzjoni gie dikjarat leziv tad-drittijiet fundamentali tal-individwu kif sancit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ir-rikorrent kompla jsostni li fir-rikors tal-appell tieghu huwa qieghed jattakka s-sejbien ta' htija tieghu li kienet unikament msejjsa fuq l-istqarrijiet tieghu mehuda bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu u zied jghid li f'kazijiet ohra fejn kien hemm sitwazzjoni analoga ghal dik tieghu fejn l-istqarrija mehuda minghajr l-assistenza ta' avukat kienet l-unika prova il-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali lokali ghaddew biex skartaw tali prova u ppronunzjaw sentenza liberatorja.

Huwa jsostni li ghalkemm hu konxju li l-mertu tal-appell tieghu ghadu ma giex trattat u wisq anqas ezawrit jemmen li *prima facie* tezisti l-probabilita' serja li s-sejbien ta' htija tieghu a bazi ta'dik l-unika prova konsistenti fl-istqarrijiet rilaxxjati minnu huwa wiehed *unsafe and unsatisfactory*.

Ghar-ragunijiet msemmija huwa talab li fit-termini tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta din il-Qorti tirriferi l-kwistjoni mqanqla minnu lill-Prima Awla tal-Qorti Civili.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tibda biex tosserva li ma jistax ikun minnu "li l-kaz kontra tieghu kien mibni fuq prova wahda biss u cioe'

l-istqarrija jew stqarrijiet tieghu moghtija lill-Pulizija u lill-Magistrat Inkwirenti fl-istadju meta kien qieghed jigi investigat bhala suspettat" ghaliex mir-rikors stess tal-appell tar-rikorrent kif ukoll mill-atti tal-guri jirrizulta li l-istess Carmel Vella ta x-xhieda tieghu fil-kors tal-guri meta jirrizulta li kien pienament assitit minn avukat. Ghalhekk, il-premessa principali tar-rikorrent li fuqha hi msejjsa t-talba tieghu ghal riferenza lill-Prim Awla tal-Qorti Civili tirrizulta infondata.

Il-Qorti ezaminat l-atti processwali tal-proceduri fuq l-Att ta' Akkuza relevanti u lill-Qorti rrizultalha li, ghalkemm b'nota tal-eccezzjonijiet tieghu tas-7 ta' Settembru 2007 fil-Qorti Kriminali l-akkuzat issolleva diversi eccezzjonijiet preliminari quddiem dik il-Qorti kemm dwar il-validita' tal-Att ta' Akkuza kif ukoll dwar l-ammissibilita' ta' diversi provi u xhieda li l-prosekuzzjoni kienet fi hsiebha tipproduci fil-process kontra tieghu, huwa baqa' ghal kollox sieket u ma ssolleva ebda eccezzjoni dwar l-ammissibilita' tal-istqarrija jew stqarrijiet tieghu lill-pulizija u lill-Magistrat Inkwirenti. Ir-rikorrent stess fir-rikors tieghu jirrileva li kien hemm kazijiet ohrajn fejn il-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali lokali skartaw stqarrija moghtija minghajr l-assistenza ta' avukat u li kienet l-unika prova kontra l-imputat jew akkuzat. Ma kien hemm xejn xi jzomm lir-rikorrent milli ta' l-anqas jissolleva l-materja quddiem il-Qorti kompetenti ta' gurisdizzjoni kriminali ghall-konsiderazzjoni taghha. Seta' anki, jekk kien ikun hemm bzonn, jissolleva kwistjoni kostituzzjonali quddiem dik il-Qorti u jitlobha tirriferixxi l-kwistjoni lill-Prim Awla tal-Qorti Civili f'dak l-istadju minflok li jhalli kollox ghaddej u jistenna sakemm il-guri jigi deciz qabel jissolleva l-kwistjoni *in extremis* f'dan l-istadju estremament tardiv.

Mill-atti processwali jirrizulta aktar. Fl-ewwel jum tal-guri, u cioe' fit-8 ta' Frar 2010, waqt li kien jixhed ix-xhud Assistent Kummissarju Pierre Calleja, jirrizulta registrat dan li gej:

"Il-Prosekuzzjoni titlob li titqassam kopja tal-istqarrija u tad-deposizzjoni guramentata tal-akkuzat lill-gurati.

Id-Difiza ma topponix."

Mela ghal darb'ohra mhux biss l-akkuzat ma qajjem ebda kwistjoni dwar il-producibilita' tal-istqarrija meta l-prosekuzzjoni giet biex tipprezentha lill-gurija talli fuq talba tal-prosekuzzjoni l-akkuzat ma opponix ghall-produzzjoni taghha u tad-deposizzjoni guramentata li kienet saret minnu lill-Magistrat Inkwirenti.

Stqarrija ohra li jidher li kienet giet rilaxxjata mir-rikorrent lill-pulizija jidher li ma sarx uzu minnha mill-prosekuzzjoni matul il-guri. Dwar din jirrizulta li gie registrat fl-atti tal-guri dan li gej:

"Bi ftehim il-Prosekuzzjoni ser tghaddi kopja tal-istqarrija ulterjuri tal-akkuzat lid-Difiza biex din tirregola ruhha. Dan il-verbal qed jigi redatt fl-assenza tal-gurati".

Izda, ghalkemm korrettement ingiebet a konjizzjoni tad-difiza fl-assenza tal-gurija, din l-stqarrija ma jirrizultax li ngiebet a konjizzjoni tal-gurija.

Fid-dawl ta' dak kollu premess, meta tikkunsidra li jirrizulta illi:

(a) r-rikorrent seta jqajjem kull eccezzjoni opportuna dwar l-ammissibilita' tal-prova tal-istqarrija tieghu u tad-depozizzjoni tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti izda naqas milli jaghmel dan;

(b) r-rikorrent di fatti qajjem diversi eccezzjonijet fl-istadju preliminari tal-proceduri kriminali quddiem il-Qorti Kriminali minghajr ma ghamel l-icken accenn ghall-istqarrija u d-depozizzjoni tieghu;

(c) r-rikorrent fil-mument opportun qabel sar il-guri naqas milli jissolleva xi kwistjoni kostituzzjonali biex il-materja tigi ezaminata mill-Qorti kompetenti u okkorrendo dik il-Qorti tkun tista' taghti kull rimedju opportun jekk ikun il-kaz;

(d) fil-kors tal-guri meta l-prosekuzzjoni talbet li kopja tal-istqarrija u tad-deposizzjoni guramentata tal-akkuzat jitqassmu lill-gurati id-Difiza ma espressament ma opponietx li jsir dan

din il-Qorti hi tal-fehma illi t-tqanqil tal-kwistjoni kostituzzjonali sollevata mir-rikorrent hi semplicement frivola u vessatorja ghat-tenur tal-proviso tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u ghalhekk tichad it-talba tar-rikorrent sabiex din il-Qorti tibghat il-kwistjoni msemmija quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------